

Brussell, 29 ta' Mejju 2026
(OR. en)

9645/26
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0726 (COD)

CODEC 992
POLCOM 191
COMER 97

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jindirizza l-effetti negattivi relatati mal-kummerċ tal-kapaċità żejda globali fuq is-suq tal-azzar tal-Unjoni u li jemenda r-Regolament (UE) 2020/2170 (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv = Dikjarazzjoni

Dikjarazzjoni Konġunta mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni dwar l-importazzjoni ta' prodotti tal-azzar mir-Russja

Mill-bidu tal-gwerra, l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha ħadu miżuri bla preċedent biex inaqqsu d-dipendenzi ekonomiċi fuq ir-Russja u biex jaħdmu biex jiżguraw li l-attività ekonomika tal-Unjoni ma tikkontribwix għas-sostenn tal-isforz tal-gwerra tar-Russja.

Dawn il-miżuri naqqsu b'mod sinifikanti l-flussi kummerċjali f'firxa wiesgħa ta' setturi, inkluż l-azzar, aċċelleraw id-diżakkoppjament u kkontribwew għar-reżiljenza tal-Unjoni, filwaqt li wrew ukoll il-kapaċità tal-Unjoni li taġixxi b'mod magħqud u deċiżiv meta l-valuri u l-interessi strateġiċi tagħha jkunu friskju.

Fl-istess ħin, l-Unjoni jeħtiġilha tibqa' attenta għal dawk l-oqsma fejn id-dipendenzi jippersistu, b'mod partikolari fir-rigward ta' ċerti prodotti tal-azzar li l-importazzjoni tagħhom għadha mhijiex ipprojbata għalkollox.

B'mod partikolari, xi importazzjonijiet limitati li joriġinaw mir-Russja jkomplu fis-settur tal-azzar sat-30 ta' Settembru 2028, f'konformità mal-arranġamenti tranżizzjonali stabbiliti fil-miżuri restrittivi rilevanti adottati mill-Kunsill¹. Sabiex tiġi żgurata diversifikazzjoni progressiva u kostanti, dawn l-importazzjonijiet huma limitati bi kwoti b'volumi li jonqsu kull sena.

Filwaqt li jfakkru fil-qafas istituzzjonali applikabbli għall-miżuri restrittivi, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jenfasizzaw li l-miżuri restrittivi rilevanti adottati mill-Kunsill jirfdu trajettorja lejn eliminazzjoni gradwali sħiħa tal-importazzjonijiet li fadal tal-prodotti tal-azzar Russi, b'mod partikolari ċ-ċangaturi tal-azzar, sat-30 ta' Settembru 2028.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/512/PESK tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna, u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 833/2014 tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna.